MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2011

Numru. 432/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Arthur Mercieca)**

**Vs**

**Alexander Scerri**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ALEXANDER SCERRI**, ta' tnejn u erbghin (42) sena bin Joseph u Frances nee' Spiteri imwieled Bormla fit-22 ta' Gunju 1968, karta tal-identita' numru 277068(M) gie mressaq quddiemha w akkuzat talli nhar id-19 ta' Marzu 2011 ghall-habta tat-tmienja w nofs ta' filghaxija (20.30p.m.) gewwa Zejtun attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew hebb ta' xorta li ma titqies vjolenza pubblika kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, w cioe' PC 1139 C. Cassar, filwaqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-Awtorita' kompetenti.

U aktar talli fl-istess data, hin u lok u cirkostanzi ingurja, hedded u ghamel offiza fuq il-persuna ta’ PC 1139 C. Cassar skond ma ccertifika Dr. R. Degabriele mill-Paola Health Centre, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien qed jaghmel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta’ dak is-servizz.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq vettura GBJ 615 tal-ghamla Mercedes fit-triq jew f’post pubbliku meta ma kienx f’kundizzjoni li jsuq minhabba li kien taht l-infuwenza ta’ alkohol jew drogi.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi naqas milli jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu moghtija lilu mill-pulizija.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b’ghajjat u glied.

Finalment akkuzat talli sar recidiv ai termini ta’ l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali b’diversi sentenzi, liema sentenzi saru difinittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fl-ewwel opportunita’ moghtija lilu waqt il-prezentata.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, seta’ jerga’ lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta’ din il-kawza fl-istess seduta ta’ l-ghoxrin ta’ Marzu 2011 u dana fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu.

Rat id-dokumenti esebiti fosthom l-att tat-twelid tal-imputat, l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat b’mod volontarju, l-okkorrenza tal-pulizija, il-Breath Alcohol Test record, id-dikjrazzjoni ta’ rifjut ghall-ghajnuna legali waqt l-interrogatorju w certifikat mediku rilaxxjat minn Dr. Renzo

Degabriele dwar feriti subiti minn Karl Cassar, liema dokumenti lkoll gew esebiti mill-prosekuzzjoni fis-seduta tal-20 ta’ Marzu 2011.

Semghet lid-difiza tghid li l-imputat ghandu problema akuta ta’ dipendenza ta’ alkohol u li ghandu bzonn ghajnuna f’dan ir-rigward.

Il-Qorti nnominat lilProbation Officer Miriam Sevasta nhar l-20 ta’ Marzu 2011 sabix thejji *pre-sentencing inquiry report*.

Rat illi fis-seduta tas-26 ta’ April 2011 dehret il-Probation Officer Miriam Sevasta w esbiet ir-rapport taghha, li gie mmarkat bhala Dok MS.

Minn ezami ta’ dan ir-rapport jirrizulta li l-imputat ghandu problema ta’ dipenenza fuq xorb alkoholiku w li din qed tikkrejalu problemi f’hajtu, kemm personalment kif ukoll rigward terzi. Jirrizulta li l-imputat ghandu relazzjoni tajba mal-genituri tieghu li qed jghinuh sabiex jeghleb dan il-vizzju. Jirrizulta wkoll li l-imputat illum ghandu mpjieg stabbli w li qed jindirizza din il-problema tramite l-ghajnuna tal-Alcohol Community Team tas-Sedqa. Minn dak li qalet il-Probation Officer l-imputat m’ghandux amment ta’ dak li gara, izda jiddispjacih hafna w skuza ruhu ghal dak kollu li seta’ ghamel.

Dwar ir-reati odjerni l-Qorti tqis li m'ghandhiex tapplika l-piena fil-massimu taghha, w dan ghar-ragunijiet u osservazzjonijiet li sejra taghmel.

Meta akkuzat jammetti l-akkuzi dedotti kontra tieghu fi stadju bikri tal-proceduri, dan ghandu jibbenefika minn xi riduzzjoni fil-piena. Naturalment, dan ma japplikax ghal kull kaz u l-Qorti trid tqis ukoll ic-cirkostanzi fejn u meta stqarr l-ammissjoni tieghu l-imputat, cioe': jekk hux fil-mument tal-investigazzjoni, jekk hux fil-mument tal-prezentata l-Qorti, jekk hux fil-bidu tal-proceduri qabel ma l-Prosekuzzjoni bdiet bil-provi taghha jew jekk l-ammissjoni gietx registrata aktar tard fil-proceduri, bl-isperanza li jkun hemm xi zball tekniku fil-procedura.

Fil-fatt **Archbold** a fol 528 tal-ktieb tieghu ***Criminal Pleading - Evidence & Practice*** - 1997 edition, jghid:

"*It will seldom be appropriate to impose the maximum sentence, in a case where there are substantial mitigating factors. An offender who pleads guilty to a charge may normally expect some recognition in the form of a reduction in the sentence which would have been appropriate on a conviction by the jury; it will seldom be appropriate to impose the maximum sentence on an offender who has pleaded guilty*".

Il-Qorti taqbel ma’ din l-linja ta' osservazzjonijiet in generali, pero’ l-kwistjoni li trid tigi trattata hija kemm ghandha tkun ir-riduzzjoni.

**Archbold** fl-opera fuq citata a fol 548 jghid :

*"The extent of the discount to be allowed has never been fixed, but cases in which reduction of sentence have been made by the Court of Appeal on this ground suggest that it is normally between 1/5 and 1/3 of the sentence which would be imposed as a conviction by a Jury."*

**Lord Taylor C.J.** qal :

"*There was no absolute rule as to what the discount should be but as a general guidance the Court believed that something of the order of 1/3 would be an appropriate discount.* "

Cirkostanza ohra li bhala regola ghandha tittiehed in konsiderazzjoni fil-ghoti tal-piena f'kaz ta' ammissjoni tkun li din effettivament ghenet biex il-kaz jigi deciz kemm jista’ jkun malajr u minghajr spejjez inutili ghall-pubbliku. F'dan il-kaz jirrizulta bic-car li l-ammissjoni tal-imputat saret fil-bidu nett tal-proceduri w il-Qorti ghalhekk thoss li dan kollu ghandu jitqies bhala *mitigating factor* sabiex il-piena ma tigix inflitta fil-massimu.

Il-Qorti pero', wara li qisiet dan kollu, ma tistax ma tihux hsieb l-interess tas-socjeta', waqt li fl-istess hin taghmel gustizzja mal-imputat.

Il-Qorti rat li l-Fedina Penali tal-imputat mhix wahda felici, tant li ghandu dsatax-il akkuza registrata fuqha fejn instab hati ta' diversi akkuzi fosthom serq, hsara volontarja, rezistenza fuq ufficcjali pubblici w pussess ta' droga fost ohrajn. Pero ma jirrizultax li l-imputat qatt tpogga taht xi Ordni ta' Probation jew xi Ordni ta' Supervizjoni tul il-hajja zbandata li huwa segwa, w fic-cirkostanzi l-Qorti thoss li sabiex issalva l-impjieg tieghu, u minhabba dak li ntqal aktar 'il fuq, u cioe' li l-imputat lest li jsegwi programm ta' riabilitazzjoni konta l-alkohol, qieghda tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Probation ghall-perijodu massimu permess fil-Ligi ta' tliet snin, bl-intendiment li dan l-ufficjal tal-Probation jghin lill-imputat jisfrutta l-opportunita' li qed jinghata sabiex jindirizza din il-problema tant akuta li ghandu. Din il-piena sejra wkoll isservi ta' deterrent, ghaliex jekk huwa jaghmel reat iehor ta' natura volontarja huwa jerga' jingieb mill-gdid quddiemha w f'kaz ta' htija din il-Qorti tkun f'posizzjoni li tkun hi stess li timponi piena karcerarja tal-akkuzi odjerni.

Dwar il-piena, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fl-ismijiet **il-Pulizija vs George Farrugia** deciza fit-18 ta' Jannar 2001 fejn inghad li *"anke fil-kaz ta' persuna ta' eta' mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna "a window of opportunity" li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u prigunerija."*

Kif jispjega **David Thomas** fil-ktieb tieghu 'The Principles of sentencing' (Heinneman, London 1979):-

"*The term inadequate recidivist is used to describe an offender, middle aged or older , who has over a long period of years committed numerous offences , not in themselves in the first rank of seriousness, and has served many years of imprisonment as well as experiencing an extensive selection of other penal*

*measures . Faced with such an offender, the Court will usually grasp any chance of breaking the cycle of offence and sentence, even if the chances of success are obviously limited. As in the case of the intermediate recidivist there must be some prospect of success, however remote." (page 22,23)*

U aktar tard l-istess awtur jghid hekk dwar l-Ordni tal-Probation:-

"*The Probation order is clearly the most important individualized measure available to a sentencer. It is not limited to any one group of offenders ..probation is used to deal with recidivists of mature age as well as the young and those of good character."*

**Ghaldaqstant il-Qorti rat l-artikoli tal-Ligi w cioe' l-Artikoli 49, 50, 95, 96, 221, 338(dd), 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta w l-Artikolu 15A tal-Kap. 65 tal-Ligjiet ta' Malta w tiddikjara li qed issib lil-imputat ALEXANDER SCERRI hati tal-akkuzi kif addebitati kontra tieghu u tiddeciedi li tpoggih taht Ordni ta' Probation ghall-perijodu ta' tliet snin millum ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Probation Services sabiex tinnomina kandidat idoneju sabiex isegwi lill-probationer odjern, u tordna li kopja ta' din is-sentenza tinghata lill-imputat probationer.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------